MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 810/2002

**Francis Demanuele.**

**vs.**

**L-Avukat Leslie Cuschieri u l-PL Mario Mifsud Bonnici bhala deputati kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-assenti Wendy Demanuele.**

**Il-Qorti,**

**I. <u>PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attur a fol. 1 tal-process datata 16 ta' Lulju 2002, li permezz taghha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fi Stepney, l-Ingilterra, fit-13 ta' Dicembru 1975 skond l-anness kopja ta' certifikat immarkat Dok. ”A”;

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, u cjoe`, Robert Lee, li twieled fit-28 ta' Settembru 1972 u Taraza Anna Maria li twieldet fit-8 ta' Marzu 1974, u ghalhekk it-tnejn maggorenni;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irremidjabbilment u l-konvenuta rrendiet ruhha hatja versu l-attur ta' adulterju;

Illi l-konvenuta, li hija ta' nazzjonalita` Ingliza, abbandunat id-dar matrimonjali meta telqet lejn l-Iskozja u jidher li mhux ser tirritorna lura Malta *stante* li qieghda f'relazzjoni extra-maritali ma' ragel iehor;

Illi l-intimata martu abbandunat d-dar matrimonjali u marret tghix ghal rasha;

Illi l-konvenuta, *oltre* milli hija unikament responsabbli li z-zwieg tkisser irremidjabbilment minhabba l-agir manifestament irresponsabbli taghha fil-konfront ta' l-attur zewgha, dahlet lill-familja f'problemi finanzjarji kbar wara li gibdet, illikwidat, sarfet u hadet ghaliha nvestimenti u flus li kienu jikkostitwixxu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti matrimonjali tal-partijiet;

Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili b'digriet numru 1154/2002 (Dok. "B");

Illi s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ordnat lill-esponenti jibqa' jghix u jabita fid-dar matrimonali ad eskluzjoni ta' martu;

Illi tentattivi sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja ma tawx frott;

Illi l-attur ghalhekk talab lill-konvenuta ghaliex *in vista* tal-premess, ma ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli

lill-konvenuta u senjatament adulterju fil-konfront ta’ l-attur, u *in subordine*, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta martu;

3. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti lill-kontendenti f’dak il-proporzjon u b’dawk il-modalitajiet li jigu stabbilti minn din il-Qorti, *occorrendo* bl-opera ta’ periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi kull att ta’ divizjoni ta’ l-immobbli, opportun f’jum u hin li ukoll jigu stabbiliti minn din il-Qorti;

6. Tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku ta’ divizjoni;

7. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn dawk id-drittijiet taghha, kif jigi stabbilit minn din il-Qorti skond ir-rizultanzi, u dan a tenur ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

8. Tordna illi l-attur ikompli jghix u jabita fid-dar matrimonjali li hija 22, Farsons Street, Hamrun, u dan ad eskluzjoni ta’ martu;

9. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat ic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti mmarkat Dok. “A” u d-digriet tas-Sekond’Awla mmarkat bhala Dok. “B”.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 24 ta’ Lulju 2003 fejn talab in-notifika tal-kuraturi deputati u li jigi appuntat Assistent Gudizzjarju jew Perit Legali;
Rat id-digriet tal-25 ta’ Lulju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba b’dan li ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex jigu ndikati sew il-kuraturi deputati u l-kawza giet appuntata ghas-smigh u gie nominat Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 6 ta’ Dicembru 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 30 ta’ Settembru 2003 fejn talab li r-rapprezentanti tal-banek jigu ezentati mis-sigriet professjonali;

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Novembru 2003 fejn Dr. Tanti Dougall talab li d-dar tigi assenjata lill-attur *stante* li l-konvenuta kienet irtirat l-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf Lira Maltija depozitati l-Bank; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dottor Leslie Cuschieri u l-PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati li gew nominati sabiex jirrapprezenta lill-konvenut, fejn eccepew:-

1. Illi b’digriet tas-7 ta’ Mejju 2002 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Wendy Demanuele;

2. Illi huma m’ghandhomx mezz biex jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk m’humiex edotti mill-fatti ta’ dan il-kaz.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda.

Rat ix-xhieda kollha prodotti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

Rat id-dokumenti esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

### Provi Attrici

Illi l-attur ressaq ix-xhieda tieghu permezz ta' affidavit tieghu mmarkat bhala Dok. "FD".

**Hajja Konjugali**:- L-attur xehed li matul iz-zwieg ma kellux problemi gravi ma' martu. Hu spjega li l-unici problemi li kien hemm bejn il-kontendenti kienu jikkoncernaw il-hajja personali ta' binthom, Taraza. Skond l-attur, Taraza, kien qed ikollha diversi relazzjonijiet ma' persuni differenti u sahansitra kienet izzewget *ad insaputa* ta' l-attur, u kellha zewgt itfal, wiehed miz-zwieg u l-iehor barra z-zwieg. L-attur xehed li martu li kienet taf b'dan kollu qatt ma kienet tinformah bl-andament tal-fatti. L-attur spjega li dan kien ta' inkwiet ghalih u li skond hu kienet xi haga li tinteressah, u dan ghar-raguni ovvja li l-persuna koncernata kienet, wara kollox, bintu.

**Abbandun**: Dwar dan l-aggravju l-attur xehed (a fol. 3 tal-affidavit) li f'Ottubru 2001 martu kienet infurmatu li hutha li kienu jirrisjedu gewwa l-Ingilterra kienu hallsulha l-passagg u li kienet ser tmur hdejhom ghal ftit jiem. Sussegwentement, wara ftit jiem, cemplitlu u infurmatu li kienet ser tibqa' hemm ghaliex kienet iddejqet tghix mieghu. *Inoltre* hija kienet infurmatu li kienet hadet l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf Lira Sterlina (23,000 pound

sterling) minn *bond joint account* li kellhom il-kontendenti ma' *The Woollich p.l.*c, filwaqt li hu seta' jzomm id-dar.

**Adulterju:** L-attur xehed fl-affidavit tieghu li meta martu kienet telqet lejn l-Ingilterra hija ma kienetx qed tirrisjedi ghand ohta izda kienet qed tghix ma' ragel iehor li jismu, Stuart Williams. Il-kuntatt bejn il-konvenuta u Stuart Wiliams sar permezz ta' l-uzu ta' l-*internet* li l-konvenuta kienet qed taghmel mill-kompjuter ta' bintha. L-attur sostna li bintu, Taraza, kienet qaltlu bl-*e-mails* li kienet sabet li kienu gew skambjati bejn martu Wendy u Stuart Williams (a fol. 4 ta' l-affidavit). L-atturipprezenta wkoll ritratti allegatament ta' Stuart Williams, liema ritratti kienu intbaghtu mill-konvenuta lil bintha, li sussegwentement marret tghix flimkien ma' ommha gewwa l-Ingilterra.

Illi l-attur xehed ukoll li meta bintu marret Tunez mat-tfal taghha, hija kienet iltaqghet ma' ommha u mal-*boyfriend* taghha. Din l-informazzjoni wasslitlu minghand Nazzareno Portelli, li dak iz-zmien kien qed jikkoabita ma' bint l-attur. Nazzareno Portelli ikkonferma dan fl-affidavit tieghu esebit bhala Dok. "NP1", fejn xehed li dan it-taghrif kien wasallu kemm minghand Taraza, bint l-attur u kif ukoll minghand it-tifel ta' Taraza:
"*Meta gie lura, Ryan kien qalli illi kien iltaqa` man-nanna Wendy u mal-boyfriend taghha, Stuart, u Taraza ammettiet illi hi kienet iltaqghet ma' ommha u mal-boyfriend t'ommha.*"

Illi *inoltre* dan ix-xhud ikkonferma li meta spezzjonaw il-kompjuter ta' bint l-attur, kienu nstabu diversi *e-mails* bejn il-konvenuta u l-*boyfriend* taghha.

**<u>Komunjoni ta' l-Akkwisti</u>**:

Illi din il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-kontendenti kienet tikkonsisti fis-segwenti:-

1. *Five-year bond account* – L-attur xehed li martu illikwidat prematurament dan il-*bond account* fl-ammont ta' 23,000 *sterling*. Dan gie kkonfermat minn korrispondenza (Dok. "FD8" sa "FD10") bejn l-attur u *The*

*Woolwich plc* proprju dwar dan l-investiment. Kemm il-likwidazzjoni tal-kont u l-izbank tal-flus mill-konvenuta gie konfermat permezz ta' din il-korrispondenza fejn f'Dok. "FD9" jinghad:-

"*… she was entitled under the Terms and Conditions of the account to make the withdrawal as a joint holder of the account. As the account did not require the signatures of both account holders to make a withdrawal, The Woolwich was unable to deny her access to these funds. … … As you are aware, the account was closed on 15 October 2001 and a cheque for the funds was made payable to Mrs Wendy Demanuele. I have enclosed a copy of the transaction history for this account for your records.*"

Illi minn l-istess Dok. "FD10" jirrizulta li l-ammont ta' GBP 22,255.45 inhareg f'cekkijiet favur il-konvenuta.

2. Debiti mal-Bank of Valletta p.l.c. – L-attur pprezenta dokumenti mmarkati bhala Dok. "FD14" sa "FD20" li jindikaw li martu halliet debitu fl-ammont ta' mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm246.19) fuq *credit card* mahruga f'isimha mill-Bank of Valletta p.l.c.

3. Debiti ma' l-HSBC Bank Malta p.l.c. – L-attur esebixxa diversi dokumenti (Dok. "FD21" – "FD26") li jindikaw li huwa kien garanti ghal facilita` bankarja koncessa lill-konvenuta martu. L-ammont globali dovut lill-bank kien ta' mitejn u disgha u tmenin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm289.68). L-attur iddepozita l-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija u erba` centezmi (Lm125.04) bhala parti mill-hlas tad-debitu tal-konvenuta kif jidher mid-Dok. "FD26".

4. Dar matrimonjali – Din tikkonsisti fil-mezzanin li gie akkwistat matul iz-zwieg permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felice datat disgha (9) ta' Awissu tas-sena 1991. Giet esebita stima minn perit inkarigat mill-attur (Dok. "FD27") fejn id-dar matrimonjali giet valutata fl-ammont ta' sittax-il elf u hames mitt Lira Maltin (Lm16,500). In kontro-ezami l-attur xehed li l-flus sabiex

giet akkwistata d-dar matrimonjali gew versati unikament minnu.

5. Rigward kontijiet bankarji gew esebiti diversi *statements* minn rapprezentanti tal-banek li jindikaw li filwaqt li hemm cirka tnax-il elf u tmien mija u hamsa u erbghin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm12,845.32) f'kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta p.l.c. li infethu matul iz-zwieg tal-kontendenti u liema ammont huwa bbazat fuq *statements* datati sas-sena 2003, jidher li l-attrici zbankat diversi kontijiet li kellha ma' diversi banek qabel ma abbandunat id-dar matrimonjali u siefret.

Illi *noltre* l-attur fin-nota tieghu mmarkata bhala Dok. "MTD1" sostna li l-uniku kont konguntiv bejn il-partijiet kien il-*bond account* ma' *The Woolwich plc*, filwaqt li l-kontijiet rimananeti kienu dejjem f'ismijiet separati. Ghal dan il-ghan l-attur harrek rapprezentant ta' ST Micro-Electronics, is-socjeta' li maghha kienet impjegata l-konvenuta, li esebixxa rendikont (Dok. "FB") tal-qliegh tal-konvenuta mit-28 ta' Settembru tas-sena 1992 sad-29 ta' Ottubru tas-sena 2001. L-ammont globali huwa ta' erbghin elf u tletin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm40,030.25).

**<u>Provi tal-Konvenuta.</u>**

Illi l-Qorti tinnota li l-konvenuta ma ressqet ebda provi apparti l-kontroezamijiet maghmula mill-kuraturi deputati. Illi anke peress li ma jidhirx li l-kuraturi deputati irnexxilhom jikkomunikaw ma' l-assenti ma jidhirx li l-istess kuraturi bl-ebda mod ma kkontestaw l-allegazzjonijiet ta' l-attur.

**<u>ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi bhala ragunijiet ghall-obbjettiv tieghu li jitlob il-firda personali l-attur jadduci fil-konfront tal-konvenuta l-adulterju u li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Biex il-Qorti taccetta l-aggravju ta' l-adulterju, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni

proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli.

**Adulterju:** L-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala "*l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali*" (**Vol. XXXVII Pt II p 693**).

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti fejn gie dejjem ritenut li *in vista* tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzi u cirkostanzi ohra li jipprovaw fil-grad li trid il-ligi l-istess allegazzjoni. Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Rose Gauci vs Salvatore Gauci**" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn gie affermat illi:

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert vs Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".(**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** - Prim'Awla Deciza 27 ta' Gunju 1964)".*

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti l-Qorti tinnota li l-provi mressqa mill-attur, senjatament ir-ritratti u x-xhieda ta' l-istess attur u ta' Nazzareno Portelli ma kenux tali li jistghu jigu klassifikati bhala gravi, precizi u konkordanti u li ma jhallu ebda dubju fil-gudikant. Ir-ragunijiet ghal dan huma li fl-*email* immarkata Dok. "FD12" ma hemm xejn li jindika li l-persuna fir-ritratt huwa Stuart Williams. *Inoltre* x-xhieda

dwar il-btala f'Tunez fejn bint l-attur u t-tfal minuri taghha allegatament iltaqghu mal-konvenuta u Stuart Williams, hija totalment ibbazata fuq *hearsay evidence.* Il-Qorti tinnota wkoll il-fatt li ghalkemm l-attur u Nazzareno Portelli allegaw li huma kienu sabu diversi *e-mails* bejn il-konvenuta u Stuart Williams, l-attur naqas milli jipprezenta imqar dokument wiehed. Dan il-fatt iqajjem suspett *stante* li filwaqt li l-attur pprezenta l-allegat ritratt li kien mibghut permezz ta' *e-mail* mill-konvenuta lil bintha, bl-istess mod l-attur seta` facilment jipprezenta kopja ta' *e-mail* bejn il-konvenuta u Stuart Williams. *Inoltre* il-Qorti ma tqisx li n-nuqqas ta' kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta dwar dan l-aggravju ghandu jitqies li hija ammettiet tali aggravju, *stante* li tali nuqqas ta' kontestazzjoni *ut sic* minn naha tal-konventa jista' jkun dovut mill-fatt li hija tirrisjedi l-Ingilterra. Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li tali aggravju gie ppruvat.

Illi l-Qorti tikkunsidra wkoll il-fatt li l-kontendenti ilhom ma jirrisjedu flimkien sa minn Ottubru tas-sena 2001 u dan jindika kjarament u inekwivokabbilment li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irremidjabbilment minhabba l-agir tal-konvenuta li minghajr ma tat raguni specifika abbandunat il-familja taghha. Illi dan fih innifsu jammonta ghal sevizzi *da parte* tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur u ghalhekk abbazi tal-premess, it-talba attrici ghandha tigi milqugha.  Illi kawza ta' dan ma' hemm l-ebda dubju li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**: L-attur ressaq prova cara li l-konvenuta minghajr il-kunsens tieghu llikwidat u zbankat l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf Lira Sterlina (23,000 sterling) li jammontaw ghal circa erbatax-il elf u seba' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm14,720). Apparti dawn deher mix-xhieda prodotta mill-attur, senjatament mir-rapprezentanti tal-banek, li l-attrici zbankat diversi kontijiet bankarji ohra li kienu f'isimha biss, ghalkemm dawn kienu jikkomprendu assi komunitarji.

Illi l-allegazzjoni ta' l-attur li huma kienu jzommu kontijiet bankarji separati, u li l-uniku kont komuni kien dak ma' *Woolwich plc* ma giet bl-ebda mod kontradetta.

Ghaldaqstant *in vista* tal-valur tad-dar matrimonjali skond stima prodotta *ex parte* mill-istess attur u *in vista* tad-debiti mhollija mill-konvenuta u ta' l-ammont approprijat minnha, il-Qorti hi tal-fehma li d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata fl-intier taghha lill-attur, inkluzi l-mobbli ta' gewwa fiha. L-attur ghandu jassumi d-debiti bankarji msemmija aktar 'l fuq, cjoe` dawk mal-Bank of Valletta plc u l-HSBC Bank (Malta) plc.

Illi mill-provi mressqa deher li l-kontendenti kienu jzommu kontijiet bankarji separati. *Inoltre* il-Qorti tikkunsidra l-fatt li l-allegazzjoni ta' l-attur bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-konvenuta. Ghal dawn ir-ragunijiet l-kontijiet bankarji li jinsabu f'isem l-attur ghandhom jinzammu mill-istess attur; filwaqt li l-konvenuta qed tigi assenjata d-depoziti bankarji kollha li jinsabu f'isimha u l-ammonti kollha li hija effettivament zbankat mill-banek qabel u wara li telqet minn Malta.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li l-konvenuta kienet hatja verso l-attur ta' sevizzi u mohqrja konsistenti senjatament f'illi abbandunat id-dar konjugali minghajr raguni valida u telqet tghix gjo l-Ingilterra, b'dan li konsewgenza ta' l-istess il-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment.

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data tat-8 ta' April 2002.

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti kif inghad aktar 'il fuq b'dan illi tassenja il-fond matrimonjali Numru 22, Farsons Street, Hamrun interament lill-attur bil-mobbli kollha li huwa adebit l-istess fond u dan kemm b'applikazzjoni ukoll ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront tal-konvenut u wkoll in vista tal-fatt li l-konvenuta approprijat ruhhu mis-somma ta' erbatax-il elf u seba' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm14,720) kif fuq indikat, b'dan pero' li qed jigu assenjati wkoll lill-istess attur id-debiti bankarji msemmija aktar 'l fuq, cjoe` dawk mal-Bank of Valletta plc u l-HSBC Bank (Malta) plc .

Illi *inoltre* jigi dikjarat li la darba l-kontendenti kienu jzommu kontijiet bankarji separati, tassenja l-kontijiet bankarji kollha li jinsabu f'isem l-attur lill-istess attur u l-kontijiet bankarji li kienu u jinsabu fuq isem il-konvenuta ghandhom u qed jigu assenjati lill-konvenuta u l-ammonti kollha li hija effettivament zbankat mill-banek qabel u wara li telqet minn
Malta.

5. Tilqa' l-hames talba u tinnomina lill-Nutar Marco Burlo' sabiex jippubbika l-att opportun fejn l-istess immobbli tigi assenjata abbazi ta' din id-decizjoni lill-attur.

6. Tilqa' s-sitt talba u tinomina lill-Avukat Dr. Robert Abela sabiex jipprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tilqa' s-seba' talba u tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn dawk id-drittjiet taghha a tenur ta' l-**artikolu 48 tal-kap 16** *in toto* u dan l-artkolu qed jigi applikat fil-konfront tal-konvenuta.

8. Tilqa' t-talba u tawtorizza lill-attur jghix u jabita fil-fond 22, Farsons Street, Hamrun, bl-eskluzjoni ta' martu l-konvenuta.

9. Tawtorizza lill-attur jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta assenti, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------